ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 257

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

3 ta' Ottubru 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1145/2007 tat-2 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1146/2007 tat-2 ta' Ottubru 2007 li jadotta pjan ta' allokazzjoni lill-Istati Membri ta' riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2008 għall-provvista ta' l-ikel mill-ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità** 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1147/2007 ta' l-1 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet tan-NAFO 3 LMNO min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall** 9

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1148/2007 tat-2 ta' Ottubru 2007 li jipprojbixxi s-sajd għall-alfonsinos fiż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV ta' l-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola** 11

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2007/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar restrizzjonijiet dwar il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju** (1) 13

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"** 16

★ **Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"** 23

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

2007/636/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2007 rigward kontribut finanzjarju mill-Komunità lejn stħarriġ dwar il-prevalenza tas-*Salmonella* spp. fil-merħliet ta' ħnieżer għat-tgħammir imwettaq fl-Istati Membri** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4434)* 30

MT

I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1145/2007

tat-2 ta' Ottubru 2007

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-3 ta' Ottubru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

ANNESS

tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MK	42,1
	TR	97,2
	XS	28,3
	ZZ	55,9
0707 00 05	EG	135,3
	JO	151,2
	TR	110,0
	ZZ	132,2
0709 90 70	JO	139,2
	TR	115,1
	ZZ	127,2
0805 50 10	AR	83,7
	TR	91,9
	UY	82,6
	ZA	70,8
	ZZ	82,3
0806 10 10	BR	275,6
	IL	284,6
	MK	11,8
	TR	104,7
	US	230,0
	ZZ	181,3
0808 10 80	AR	87,7
	AU	173,8
	BR	45,1
	CL	83,4
	NZ	91,9
	US	96,7
	ZA	79,6
	ZZ	94,0
0808 20 50	CN	69,7
	TR	124,2
	ZA	78,1
	ZZ	90,7

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1146/2007

tat-2 ta' Ottubru 2007

li jadotta pjan ta' allokazzjoni lill-Istati Membri ta' riżorsi li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-sena 2008 għall-provvista ta' l-ikel mill-ħażniet ta' l-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-provvista ta' l-ikel minn stokkijiet ta' l-intervent lil organizzazzjonijiet indikati għad-distribuzzjoni lil persuni li huma l-iżjed fil-bżonn fil-Komunità ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabblixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-Ewro ([2]), u partikolarment l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92 li jippreskrivi regoli dettaljati għar-riforniment ta' ikel mill-ħażna ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità ([3]), il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' distribuzzjoni li għandu jkun iffinanzjat mir-riżorsi disponibbli fis-sena finanzjarja 2008. Il-pjan għandu jistabbilixxi partikolarment, għal kull Stat Membru li japplika l-miżura, ir-riżorsi finanzjarji massimi disponibbli sabiex iwettaq l-parti tiegħu tal-pjan, u l-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandha tkun meħudha mill-ħażniet miżmuma mill-aġenziji ta' l-intervent.

(2) L-Istati Membri involuti fil-pjan għas-sena finanzjarja 2008 kienu fornew l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.

(3) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tar-riżorsi, għandhom jitqiesu l-esperjenza miksuba u l-grad li bih l-Istati Membri utilizzaw ir-riżorsi allokati lilhom fis-snin finanzjarji preċedenti.

(4) L-Artikolu 2(3)(1c), tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jipprovdi l-għoti ta' allokazzjonijiet għax-xiri fis-suq ta' prodotti temporanjament mhux disponibbli fil-ħażniet ta' intervent. Billi l-ħażniet taċ-ċereali, tal-ħalib xkumat tat-trab u tar-ross li bħalissa qegħdin miżmuma għand il-korpi ta' l-intervent huma pjuttost ridotti u billi diġà ttieħdu xi miżuri, fir-rigward tal-bejgħ tagħhom fis-suq u t-tqassim tagħhom fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, u billi l-ebda xiri ta' dawn l-oġġetti ta' l-ikel ma ġie previst fl-2007, dawn l-allokazzjonijiet għandhom jiġu ddeterminati sabiex ikun possibbli x-xiri taċ-ċereali, tal-ħalib tat-trab xkumat u tar-ross meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-pjan għas-sena finanzjarja 2008.

(5) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jipprevedi t-trasferiment bejn l-Istati Membri ta' prodotti li mhumiex disponibbli fil-ħażniet ta' intervent ta' l-Istat Membru jew il-prodotti meħtieġa fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-pjan annwali. Jeħtieġ għalhekk li jiġu awtorizzati t-trasferimenti intrakomunitarji meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-pjan għall-2008, bil-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.

(6) Għall-implementazzjoni tal-pjan, l-aspett operattiv fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 għandu jkun id-data li fiha tibda s-sena finanzjarja għall-amministrazzjoni tal-ħażniet fil-ħażna pubblika.

(7) Fil-qafas ta' l-elaborazzjoni ta' dan il-pjan, bi qbil ma l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92, il-Kummissjoni fittxet il-parir ta' l-organizzazzjonijiet ewlenin li huma familjari mal-problemi tal-persuni l-aktar imċaħħda fil-Komunità meta kienet qed tħejji dan il-pjan.

(8) Il-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċereali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-2008, it-tqassim ta' l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità, b'applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3730/87, għandu jsir skond il-pjan annwali ta' distribuzzjoni stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 352, 15.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95 (ĠU L 260, 31.10.1995, p. 3).
([2]) ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 313, 30.10.1992, p. 50. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 758/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 47).

Artikolu 2

L-allokazzjonijiet lill-Istati Membri maħsuba għax-xiri fis-suq taċ-ċereali, il-ħalib xkumat tat-trab u r-ross meħtieġa fil-qafas tal-pjan imsemmi fl-Artikolu 1 huma ddeterminati fl-Anness II.

Artikolu 3

It-trasferimenti intrakomunitarji elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament huma awtorizzati skond il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92.

Artikolu 4

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-pjan annwali msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, id-data ta' l-okkorrenza operattiva stabbilita bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 hija l-1 ta' Ottubru 2007.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS I

PJAN ANNWALI TAD-DISTRIBUZZJONI GĦALL-2008

a) Riżorsi finanzjarji li huma disponibbli għall-implementazzjoni tal-pjan f'kull wieħed mill-Istati Membri

(f'EUR)

Stat Membru	Distribuzzjoni
Belgique/België	8 461 690
България	6 883 712
Česká republika	155 443
Eesti	192 388
Éire/Ireland	155 965
Elláda	13 228 830
España	50 419 083
France	48 605 224
Italia	66 367 975
Latvija	153 910
Lietuva	4 249 149
Luxembourg	81 090
Magyarország	7 788 270
Malta	360 603
Polska	47 640 750
Portugal	12 568 188
România	23 126 824
Slovenija	1 429 303
Suomi/Finland	2 631 603
Total	294 500 000

b) Il-kwantità ta' kull tip ta' prodott li għandu jittieħed mill-ħażniet ta' l-intervent tal-Komunità għad-distribuzzjoni lejn kull Stat Membru skond l-ammonti massimi stabbiliti f' (a)

(f'tunnellati)

Stat Membru	Zokkor
Belgique/België	4 154
България	6 385
Česká republika	67
España	6 500
France	3 718
Italia	7 000
Lietuva	2 889

(f'tunnellati)

Stat Membru	Zokkor
Magyarország	1 544
Malta	397
Polska	14 826
Portugal	1 627
România	15 157
Slovenija	769
Total	65 034

ANNESS II

Allokazzjonijiet lill-Istati Membri maħsuba għax-xiri ta' prodotti fis-suq Komunitarju fil-limiti ta' l-ammonti ffissati fl-Anness 1 taħt a):

(f'EUR)

Stat Membru	Ċereali	Ross	Trab tal-ħalib xkumat
Belgique/België	2 120 960	800 000	3 300 000
България	1 990 461	1 768 251	
Česká republika	36 472		81 843
Eesti	182 358		
Éire/Ireland			147 834
Elláda	4 535 189		8 003 986
España	11 144 100	1 800 000	32 030 700
France	8 718 857	5 225 181	30 516 427
Italia	10 637 550	2 800 000	46 438 083
Latvija	145 886		
Lietuva	1 463 223	606 607	706 455
Luxembourg			76 864
Magyarország	5 713 309		1 000 000
Malta	62 275	25 078	82 327
Polska	16 569 956		22 164 340
Portugal	1 208 732	1 423 588	8 575 856
România	15 355 270		
Slovenija	173 087	102 509	746 140
Suomi/Finland	1 620 960		873 450
Total	81 678 645	14 551 214	154 744 304

ANNESS III

Trasferimenti intrakomunitarji ta' zokkor awtorizzati fil-qafas tal-pjan għall-baġit ta' l-2008

	Kwantità *f'tunnellati*	L-entità intitolata	Destinatarji
1.	3 718	BIRB, Belgique	ONIGC, Franza
2.	2 889	BIRB, Belgique	The Lithuanian Agricultural and Food Products Market regulation Agency, Lietuva
3.	6 385	MVH, Magyarország	ДФЗ, България
4.	14 826	MVH, Magyarország	ARR, Polska
5.	15 157	MVH, Magyarország	APIA, România
6.	769	MVH, Magyarország	AAMRD, Slovenija
7.	397	AGEA, Italia	National Research and Development Centre, Malta
8.	1 627	FEGA, España	INGA, Portugal

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1147/2007

ta' l-1 ta' Ottubru 2007

li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet tan-NAFO 3 LMNO min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet (stokkijiet) ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2007.

(2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet ta' l-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2007.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2007 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Għandu jkun ipprojbit li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni
Fokion FOTIADIS
Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).
([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11); kif ikkoreġuta fil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.
([3]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

ANNESS

Nru	21
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk	GHL/N3LMNO
Speċi	Ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*)
Żona	NAFO 3 LMNO
Data	28.8.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1148/2007

tat-2 ta' Ottubru 2007

li jipprojbixxi s-sajd għall-alfonsinos fiż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV ta' l-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet tas-sajd għal bastimenti tas-sajd tal-Komunità għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-fond ([3]) jistabbilixxi kwoti għall-2007 u l-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2007.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2007 lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi fl-istess Anness għandha titqies li ġiet eżawrita mid-data indikata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trasbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11); kif ikkoreġut fil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

([3]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

ANNESS

Nru	38
Stat Membru	Spanja
Stokk	ALF/1X14-
Speċi	Alfonsinos (*Beryx spp*.)
Żona	Ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi fiż-żoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV
Data	10.8.2007

DIRETTIVI

DIRETTIVA 2007/51/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Settembru 2007

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar restrizzjonijiet dwar il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2005 dwar l-istrateġija Komunitarja dwar il-merkurju, li qieset l-użi kollha tal-merkurju, ikkonkludiet li jkun xieraq li jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq livell Komunitarju għall-marketing ta' ċertu tagħmir li mhux elettriku jew mhux elettroniku għall-kejl u għall-kontroll li fih il-merkurju, li huwa l-grupp ewlieni tal-prodotti tal-merkurju li s'issa mhuwiex kopert mill-azzjoni Komunitarja.

(2) Li kieku jiddaħħlu restrizzjonijiet fuq il-marketing ta' tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju, ikun hemm benefiċċji għall-ambjent, u għal saħħet il-bniedem għaż-żmien fit-tul, billi l-merkurju ma jitħalliex jidħol fil-mogħdija ta' l-iskart.

(3) B'kont meħud tal-fattibbiltà teknika u ekonomika, l-evidenza disponibbli dwar it-tagħmir ta' kejl u ta' kontroll tindika li miżuri restrittivi immedjati għandhom ikopru biss dak it-tagħmir ta' kejl maħsub għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali u, b' mod partikolari, għat-termometri kollha għall-kejl tad-deni.

(4) L-importazzjoni ta' tagħmir ta' kejl li fih il-merkurju li għandu aktar minn 50 sena jikkonċerna jew antikitajiet, jew oġġetti kulturali kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3911/92 tad-9 ta' Diċembru 1992 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali ([3]). Tali kummerċ huwa limitat u jidher li m'hu ta' l-ebda riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u għaldaqstant dan m'għandux ikun ristrett.

(5) Fil-preżent, il-barometri tal-merkurju huma manifatturati biss minn ftit intrapriżi żgħar speċjalizzati, u huma mibjugħa lill-pubbliku ġenerali prinċipalment bħala oġġetti dekorattivi. Perijodu ta' tneħħija gradwali addizzjonali għandu jkun previst għat-tqegħid fis-suq ta' barometri b' mod illi jippermetti lill-manifatturi jadattaw in-negozji tagħhom skond ir-restrizzjonijiet u sabiex jimxu lejn produzzjoni ta' barometri mingħajr merkurju.

(6) Bil-għan li jiġi minimizzat ir-rilaxx tal-merkurju fl-ambjent u sabiex tiġi żgurata t-tneħħija gradwali tal-bqija tat-tagħmir ta' kejl li fihom il-merkurju fl-użu professjonali u industrijali, speċjalment sphygmomanometers fil-qasam tal-kura tas-saħħa, il-Kummissjoni għandha tagħmel reviżjoni tad-disponibbiltà ta' alternattivi affidabbli aktar siguri li huma teknikament u ekonomikament fattibbli. Fil-każ ta' sphygmomanometers fil-qasam tal-kura tas-saħħa, għandhom ikunu kkonsultati esperti mediċi sabiex jiżguraw li l-ħtiġiet tad-dijanjosi u t-trattament ta' kondizzjonijiet tas-saħħa speċifiċi huma indirizzati b'mod adegwat.

(7) Skond din id-Direttiva għandu jiġi ristrett biss it-tqegħid fis-suq ta' mezzi ġodda għall-kejl. Din ir-restrizzjoni għalhekk ma tapplikax għal mezzi li diġà qed jintużaw, jew li jinbiegħu second hand.

([1]) ĠU C 318, 23.12.2006, p. 115.

([2]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Novembru 2006 (ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 111), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2007 (ĠU C 109 E, 15.5.2007, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 395, 31.12.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

(8) Id-diskrepanzi bejn il-liġijiet u l-miżuri amministrattivi adottati mill-Istati Membri fir-rigward tar-restrizzjoni fuq il-merkurju f'tagħmir varju għall-kejl u għall-kontroll jistgħu joħolqu ostakoli għall-kummerċ, jgħawġu l-kompetizzjoni fil-Komunità u b'hekk jista' jkollhom impatt dirett fuq l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. Jidher għalhekk meħtieġ li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-tagħmir għall-kejl u għall-kontroll billi jiġu introdotti dispożizzjonijiet armonizzati fir-rigward ta' dawk il-prodotti li fihom il-merkurju, u b'hekk jiġi ppreservat is-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħet il-bniedem u ta' l-ambjent.

(9) Skond dan għandha tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ([1]).

(10) Id-Direttiva għandha tapplika bla ħsara għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-ħarsien tal-ħaddiema li tinsab fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([2]), u direttivi individwali msejsa fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol ([3]).

(11) Skond il-punt 34 tal-ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet ([4]), l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom, li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE huwa b' dan emendat kif jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-3 ta' Ottubru 2008, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri mit-3 ta' April 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 25 ta' Settembru 2007.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	M. LOBO ANTUNES

([1]) ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/139/KE (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 94).
([2]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21).
([3]) ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2007/30/KE.
([4]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

ANNESS

Il-punt li ġej jiddaħħal fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE:

"19a Merkurju CAS Nru 7439-97-6	(1) Ma jistax jitqiegħed fis-suq: (a) f'termometri għall-kejl tad-deni; (b) f'tagħmir ieħor ta' kejl maħsub għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali (eż. manometri, barometri, sfigmomanometri, termometri għajr dawk għall-kejl tad-deni). (2) Ir-restrizzjoni fil-paragrafu 1(b) m'għandhiex tapplika għal: (a) tagħmir ta' kejl li għandu aktar minn 50 sena fit-3 ta' Ottubru 2007 jew (b) barometri (għajr barometri fil-punt (a)) sat-3 ta' Ottubru 2009. (3) Sat-3 ta' Ottubru 2009 il-Kummissjoni għandha tagħmel reviżjoni tad-disponibbiltà ta' alternattivi affidabbli aktar siguri li huma teknikament u ekonomikament fattibbli għal sfigmomanometri u tagħmir ieħor ta' kejl li fih il-merkurju li jintużaw fil-qasam tas-saħħa u għal użi professjonali u industrijali oħrajn. Abbażi ta' din ir-reviżjoni jew hekk kif informazzjoni ġdida dwar alternattivi affidabbli aktar siguri għal sfigomanometri u tagħmir ieħor ta' kejl li fih il-merkurju ser tkun disponibbli, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva biex testendi r-restrizzjonijiet fil-paragrafu 1 għall-isfigmomanometri u tagħmir ieħor ta' kejl fil-qasam tas-saħħa u għal użi professjonali u industrijali oħrajn, sabiex il-merkurju f'tagħmir ta' kejl jitneħħa gradwalment meta jkun teknikament u ekonomikament fattibbli."

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

DEĊIŻJONI Nru 1149/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Settembru 2007

li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Ġustizzja Ċivili" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61(ċ) u l-Artikolu 67(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([1]),

Billi:

(1) Il-Komunità stabbilixxiet għaliha stess l-objettiv li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn ikun assigurat il-moviment liberu tal-persuni. Għal dan l-għan, il-Komunità għandha tadotta, *inter alia*, miżuri fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili meħtieġa sabiex jiffunzjona korrettament is-suq intern.

(2) B'segwitu għall-programmi preċedenti, bħal Grotius ([2]) u l-proġett Robert Schuman ([3]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 ([4]) stabbilixxa, għall-perijodu 2002-2006, qafas Komunitarju ġenerali ta' attivitajiet sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili.

(3) Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004 adottat il-Programm ta' l-Aja: Insaħħu l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea ([5]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm ta' l-Aja").

(4) F'Ġunju 2005, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottaw il-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' l-Aja ([6]).

(5) L-objettivi ambizzjużi stabbiliti mit-Trattat u mill-Programm ta' l-Aja għandhom jintlaħqu permezz tat-twaqqif ta' programm flessibbli u effikaċi li jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni.

(6) Huwa meħtieġ li l-programm "Ġustizzja Ċivili" jipprovdi għal inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, għal azzjonijiet li jappoġġaw organizzazzjonijiet li jippromwovu u jiffaċilitaw il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, u għal azzjonijiet li jappoġġaw proġetti speċifiċi.

(7) Programm ġenerali fil-qasam tal-ġustizzja ċivili ntiż sabiex itejjeb l-apprezzament reċiproku tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri jikkontribwixxi sabiex jitnaqqsu l-ostakoli għall-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili, li ser itejjeb il-funzjonament tas-suq intern.

(8) Skond il-Programm ta' l-Aja, it-tisħiħ tal-konfidenza reċiproka jeħtieġ sforz espliċitu sabiex jittejjeb l-apprezzament reċiproku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u s-sistemi legali differenti. Huwa xieraq li n-*networks* Ewropej ta' l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali f'dan ir-rigward.

([1]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2007 (ĠU C 171 E, 24.7.2007, p. 1) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2007.

([2]) Azzjoni Konġunta 96/636/ĠAI tat-28 ta' Ottubru 1996 adottata mill-Kunsill abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar programm ta' inċentivi u skambji għall-professjonisti legali ("Grotius") (ĠU L 287, 8.11.1996, p. 3); Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 290/2001 tat-12 ta' Frar 2001 li jestendi l-programm ta' inċentivi u skambji għall-professjonisti legali fil-qasam tal-liġi ċivili ("Grotius-civil") (ĠU L 43, 14.2.2001, p. 1).

([3]) Deċiżjoni Nru 1496/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni li jsaħħaħ l-għarfien tal-liġi Komunitarja fi ħdan il-professjonijiet legali (Proġett Robert Schuman) (ĠU L 196, 14.7.1998, p. 24).

([4]) ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1.

([5]) ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

([6]) ĠU C 198, 12.8.2005, p. 1.

(9) Din id-Deċiżjoni għandha tipprovdi għal possibbiltà li jiġu ko-finanzjati l-attivitajiet ta' ċerti *networks* Ewropej sa fejn in-nefqa ssir għall-kisba ta' objettiv ta' interess ġenerali Ewropew. Madankollu, tali ko-finanzjament m'għandux jimplika li programm futur ikopri tali *networks*, u lanqas m'għandu jostakola *networks* Ewropej oħrajn milli jibbenefikaw minn appoġġ għall-attivitajiet tagħhom skond din id-Deċiżjoni.

(10) Kull istituzzjoni, assoċjazzjoni jew *network* li jirċievu għotja taħt il-programm "Ġustizzja Ċivili" għandhom jirrikonoxxu l-appoġġ Komunitarju riċevut skond il-linji gwida ta' viżibbiltà li jridu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

(11) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul kollu tal-programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja tajba, għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura baġitarja annwali tagħha ([1]).

(12) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-programm, jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(13) Huwa meħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([3]), li jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità, jiġu applikati b'kont meħud tal-prinċipji tas-sempliċità u tal-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti baġitarji, ta' limitazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tagħhom, u tal-proporzjonalità meħtieġa bejn il-livell ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.

(14) Huwa meħtieġ ukoll li jittieħdu miżuri adegwati għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, u li jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu rkuprati fondi mitlufa, indebitament imħallsa jew użati skorrettament skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([4]), ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) ([6]).

(15) Ir-Regolament Finanzjarju jirrikjedi li jiġi pprovdut att bażiku sabiex ikopri għotjiet operattivi.

(16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([7]), filwaqt li ssir distinzjoni bejn dawk il-miżuri li huma suġġetti għall-proċedura ta' ġestjoni u dawk li huma suġġetti għall-proċedura konsultattiva, fejn f'ċerti każijiet u bil-ħsieb ta' aktar effikaċja, il-proċedura ta' konsultazzjoni tkun l-aktar adatta.

(17) Skond l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tal-kumitat marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew għandu jirċievi l-abbozz tal-programm annwali meta dan ikun sottomess lill-kumitat ta' l-amministrazzjoni. Il-Parlament Ewropew għandu wkoll jirċievi r-riżultati tal-votazzjoni u sommarji tar-rapporti tal-laqgħat ta' dak il-kumitat.

(18) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(19) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([3]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).
([4]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([5]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([6]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
([7]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(20) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta opinjoni dwar din id-Deċiżjoni ([1]).

(21) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva u fil-ħin ta' dan il-Programm, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Stabbiliment tal-Programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-Programm Speċifiku "Ġustizzja Ċivili", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm", bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jikkontribwixxi għall-istabbiliment progressiv taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

2. Il-Programm għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

3. F'din id-Deċiżjoni, it-terminu "Stat Membru" għandu jfisser l-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

Artikolu 2

Objettivi ġenerali

1. Dan il-Programm għandu jkollu l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) li jippromwovi l-koperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona Ewropea ġenwina tal-ġustizzja f'materji ċivili bbażata fuq rikonoxximent u fiduċja reċiproċi;

(b) li jippromwovi l-eliminazzjoni ta' ostakoli għall-funzjonament korrett ta' proċedimenti transkonfinali ċivili fl-Istati Membri;

(ċ) li jtejjeb il-ħajja ta' kuljum ta' individwi u ta' negozji billi jagħmilha possibbli għalihom li jasserixxu drittijiethom fl-Unjoni Ewropea kollha, l-aktar billi jitrawwem l-aċċess għall-ġustizzja;

(d) li jtejjeb il-kuntatti, l-iskambju ta' informazzjoni u n-*networking* bejn l-awtoritajiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, anke permezz ta' appoġġ għal taħriġ ġudizzjarju, bil-għan li jittejjeb l-apprezzament reċiproku fost tali awtoritajiet u professjonisti.

([1]) ĠU C 69, 21.3.2006, p. 1.

2. Mingħajr preġudizzju għall-objettivi u s-setgħat tal-Komunità, l-objettivi ġenerali tal-Programm għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-linji politiċi Komunitarji, u b'mod aktar speċifiku għall-ħolqien ta' żona ġudizzjarja.

Artikolu 3

Objettivi speċifiċi

Il-Programm għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li jrawwem koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili bl-għan li:

(i) tkun assigurata ċ-ċertezza legali u jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja;

(ii) ikun promoss ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'każijiet ċivili u kummerċjali;

(iii) ikunu eliminati l-ostakoli għal-litigazzjoni transkonfinali maħluqa minn differenzi fil-liġijiet ċivili u fil-proċeduri ċivili u tkun promossa l-kompatibbiltà meħtieġa tal-leġislazzjonijiet għal dak l-għan;

(iv) tkun garantita amministrazzjoni adegwata tal-ġustizzja billi jkunu evitati l-konflitti ta' ġurisdizzjoni;

(b) li jtejjeb il-konoxxenza reċiproka tas-sistemi legali u ġudizzjarji ta' l-Istati Membri f'materji ċivili u li jippromwovi u jsaħħaħ in-*networking*, il-koperazzjoni reċiproka, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni, ta' esperjenzi u ta' l-aħjar prattika;

(ċ) li jiżgura l-implimentazzjoni soda, l-applikazzjoni korretta u konkreta u l-evalwazzjoni ta' strumenti Komunitarji fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali;

(d) li jtejjeb l-informazzjoni dwar is-sistemi legali fl-Istati Membri u l-aċċess għall-ġustizzja;

(e) li jippromwovi t-taħriġ tal-professjonisti legali fil-liġi ta' l-Unjoni u tal-Komunità;

(f) li jevalwa l-kondizzjonijiet ġenerali meħtieġa għat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ l-indipendenza tal-ġudikatura;

(g) li jiffaċilita l-operazzjoni tan-*network* ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE ([2]).

([2]) ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.

Artikolu 4

Azzjonijiet

Bil-ħsieb li jiġu segwiti l-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, il-Programm għandu jappoġġa t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali msemmija fl-Artikolu 9(2):

(a) azzjonijiet speċifiċi mibdija mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerka, stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika u stħarriġ ieħor, formulazzjoni ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, il-ġbir, l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' *data* u ta' statistika, seminars, konferenzi u laqgħat ta' esperti, organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' *websites*, preparazzjoni u disseminazzjoni ta' materjal ta' informazzjoni, appoġġ lil *networks* ta' esperti nazzjonali u l-amministrazzjoni tagħhom, attivitajiet ta' analiżi, monitoraġġ u evalwazzjoni; jew

(b) proġetti transnazzjonali speċifiċi ta' interess Komunitarju ppreżentati minn awtorità jew kwalunkwe korp ieħor ta' Stat Membru, organizzazzjoni internazzjonali jew organizzazzjoni mhux governattiva, u li jinvolvu fi kwalunkwe każ ta' l-inqas żewġ Stati Membri jew ta' l-inqas Stat Membru wieħed u Stat ieħor li jista' jkun pajjiż aderenti jew pajjiż kandidat; jew

(ċ) attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħrajn li jsegwu għan ta' interess Ewropew ġenerali skond l-objettivi ġenerali tal-Programm taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-programmi ta' ħidma annwali; jew

(d) għotjiet operattivi bħala ko-finanzjament ta' nfiq assoċjat mal-programmi permanenti ta' ħidma tan-*Network* Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura u n-*Network* tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi ta' l-Unjoni Ewropea, sa fejn innefqa ssir fis-segwitu ta' objettiv ta' interess ġenerali Ewropew bil-promozzjoni ta' skambji ta' fehmiet u esperjenza f'materji dwar il-każistika, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-membri ta' dawk in-*networks* fit-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji u/jew konsultattivi tagħhom firrigward tal-liġi Komunitarja.

Artikolu 5

Parteċipazzjoni

1. Il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Programm: il-pajjiżi fil-proċess ta' l-adeżjoni, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' assoċjazzjoni jew fil-protokolli addizzjonali tagħhom relatati mal-parteċipazzjoni fi programmi Komunitarji konklużi jew li għandhom jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi.

2. Il-proġetti jistgħu jassoċjaw professjonisti legali mid-Danimarka, minn pajjiżi kandidati li ma jipparteċipawx fil-Programm fejn dan jikkontribwixxi għall-preparazzjoni tagħhom għall-adeżjoni, jew minn pajjiżi terzi oħrajn li ma jipparteċipawx fil-Programm, fejn dan iservi l-għan tal-proġetti.

Artikolu 6

Gruppi ta' Mira

1. Il-Programm huwa mmirat lejn, *inter alia*, professjonisti legali, l-awtoritajiet nazzjonali u ċ-ċittadini ta' l-Unjoni b'mod ġenerali.

2. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "professjonisti legali" tfisser, *inter alia*, imħallfin, prosekuturi, avukati, konsulenti legali, nutara, persunal akkademiku u xjentifiku, uffiċjali tal-ministeri, uffiċjali tal-qorti, *bailiffs*, interpreti tal-qorti u professjonisti oħrajn assoċjati mal-ġudikatura fil-qasam tal-liġi ċivili.

Artikolu 7

Aċċess għall-Programm

L-aċċess għall-Programm għandu jkun miftuħ għal istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, inklużi organizzazzjonijiet professjonali, universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka u istituzzjonijiet ta' taħriġ legali u ġudizzjarju għal professjonisti legali, organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet mhux governattivi ta' l-Istati Membri.

Artikolu 8

Tipi ta' intervent

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jieħu l-forom legali li ġejjin:

(a) għotjiet;

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku.

2. L-għotjiet Komunitarji għandhom jingħataw wara sejħiet għal proposti u għandhom ikunu pprovduti permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għal azzjonijiet. Ir-rata massima ta' ko-finanzjament għandha tiġi speċifikata fil-programmi ta' ħidma annwali.

3. Addizzjonalment, għandu jsir provvediment għall-infiq għal miżuri ta' akkumpanjament, permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, f'liema każ il-finanzjament Komunitarju għandu jkopri l-akkwist ta' merkanzija u ta' servizzi. Dan għandu jkopri, *inter alia*, l-infiq fuq informazzjoni u komunikazzjoni, preparazzjoni, implimentazzjoni, monitoraġġ, verifika u evalwazzjoni ta' proġetti, linji politiċi, programmi u leġislazzjoni.

Artikolu 9

Miżuri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju Komunitarju skond ir-Regolament Finanzjarju.

2. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-Programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-objettivi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 2, tadotta programm ta' ħidma annwali li jispeċifika l-objettivi speċifiċi tiegħu, il-prijoritajiet tematiċi, il-miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 8(3) u, jekk meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħrajn.

3. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2).

4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' għoti relatati ma' għotjiet għal azzjonijiet għandhom jieħdu kont, *inter alia*, tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità ta' l-azzjoni proposta mal-programm ta' ħidma annwali, l-objettivi mniżżla fl-Artikoli 2 u 3 u l-azzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 4;

(b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta fir-rigward tad-disinn, ta' l-organizzazzjoni, tal-preżentazzjoni tagħha u tar-riżultati mistennija minnha;

(ċ) l-ammont mitlub għall-finanzjament Komunitarju u kemm ikun xieraq fir-rigward tar-riżultati mistennija;

(d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-objettivi mniżżla fl-Artikoli 2 u 3 u fuq l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4.

5. L-applikazzjonijiet għall-għotjiet operattivi msemmija fl-Artikolu 4(d) għandhom jiġu valutati fid-dawl ta':

(a) il-konsistenza ma' l-objettivi tal-Programm;

(b) il-kwalità ta' l-attivitajiet ippjanati;

(ċ) l-effett multiplikatur probabbli ta' dawn l-attivitajiet fuq il-pubbliku;

(d) l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

(e) l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi kkonċernati;

(f) il-proporzjon spiża/benefiċċju ta' l-attività proposta.

6. Il-Kummissjoni għandha teżamina kull wieħed mill-azzjonijiet proposti ippreżentati lilha taħt l-Artikolu 4(b) u (ċ). Id-deċiżjonijiet relatati ma' dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(2).

Artikolu 10

Kumitat Amministrattiv

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat Amministrattiv.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Artikolu 11

Kumitat Konsultattiv

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat Konsultattiv.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 12

Komplementarjetà

1. Għandhom ikunu mfittxija s-sinerġiji u l-komplementarjetà ma' strumenti Komunitarji oħrajn, b'mod partikolari mal-Programm Speċifiku "Ġustizzja Kriminali" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", u mal-Programmi Ġenerali "Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertajiet" u "Solidarjetà u Ġestjoni ta' Flussi ta' Migrazzjoni". L-element statistiku ta' l-informazzjoni dwar il-ġustizzja ċivili għandu jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, bl-użu, skond kif ikun meħtieġ, tal-Programm Statistiku Komunitarju.

2. Il-Programm jista' b'mod eċċezzjonali jikkondividi r-riżorsi ma' strumenti Komunitarji oħra, b'mod partikolari mal-Programm Speċifiku "Ġustizzja Kriminali", bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jiġu implimentati azzjonijiet li jissodisfaw l-objettivi taż-żewġ Programmi.

3. L-operazzjonijiet finanzjati taħt din id-Deċiżjoni m'għandhomx jirċievu appoġġ finanzjarju għall-istess għan minn strumenti finanzjarji oħrajn Komunitarji u/jew ta' l-Unjoni. Il-benefiċjarji tal-Programm għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar finanzjament riċevut mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u minn sorsi oħrajn, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għall-finanzjament.

Artikolu 13

Riżorsi baġitarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni huwa stabbilit għal EUR 109 300 000 għall-perijodu stabbilit fl-Artikolu 1.

2. Ir-riżorsi tal-baġit allokati għall-azzjonijiet previsti fil-Programm għandhom jiddaħħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 14

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-Programm, il-benefiċjarju jippreżenta rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tal-ħidma u li jiġi ppreżentat rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed ir-rapporti għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri f'koperazzjoni mal-korpi jew dipartimenti tal-verifika nazzjonali kompetenti skond l-Artikolu 248 tat-Trattat, jew għal kwalunkwe ispezzjoni mwettqa skond il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 279(1) tat-Trattat, uffiċjali u persunal ieħor tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki permezz ta' kampjuni, fuq azzjonijiet ffinanzjati taħt il-Programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Programm jipprovdu b'mod partikolari għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ fuq il-post, u għall-verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

4. Għal perijodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta' kwalunkwe azzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarju ta' appoġġ finanzjarju jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' sostenn fir-rigward tan-nefqa fuq l-azzjoni.

5. Abbażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki kampjun imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tiżgura li, jekk meħtieġ, l-iskala jew il-kondizzjonijiet ta' l-allokazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju oriġinarjament approvata, kif ukoll l-iskeda ta' żmien għall-pagamenti, jiġu aġġustati.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jittieħed kull pass ieħor meħtieġ sabiex jivverifika li l-azzjonijiet ffinanzjati jitwettqu korrettament u konformement mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji Komunitarji jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz ta' l-irkupru ta' l-ammonti mħallsa skorrettament u, jekk jiġu individwati irregolaritajiet, b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96 għandhom japplikaw għal kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligu kuntrattwali stipulat abbażi tal-Programm, li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati mill-Komunitajiet Ewropej, b'xi nefqa mhux ġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, jekk issib irregolaritajiet, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju għal azzjoni jiġi mnaqqas, sospiż jew irkuprat, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew mad-deċiżjoni individwali jew mal-kuntratt jew ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju in kwistjoni, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun ġiet suġġetta għal tibdil li jmur kontra n-natura jew il-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġett.

4. Jekk il-limiti ta' żmien ma ġewx osservati jew jekk parti biss mill-appoġġ finanzjarju allokat tkun ġustifikata bil-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni, il-benefiċjarju għandu jippreżenta osservazzjonijiet lill-Kummissjoni fi żmien perijodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-appoġġ finanzjarju li jkun fadal jista' jiġi kkanċellat u li jintalbu lura s-somom diġà mħallsa.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe pagament indebitament imħallas jitħallas lura lill-Kummissjoni. Ma' kwalunkwe somma mhux rimborsata f'waqtha għandhom jiżdiedu l-interessi taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 16

Evalwazzjoni

1. Il-Programm għandu jiġi mmonitorjat regolarment sabiex tkun segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqa taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-Programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill:

(a) rendikont annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm;

(b) rapport ta' evalwazzjoni *interim* dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Programm, anke dwar il-ħidma mwettqa mill-benefiċjarji ta' għotjiet operattivi msemmija fl-Artikolu 4(d), mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011;

(ċ) komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-Programm mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu 2012;

(d) rapport ta' evalwazzjoni *ex post* sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 17

Pubblikazzjoni ta' azzjonijiet

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' l-azzjonijiet ffinanzjati taħt il-Programm b'deskrizzjoni qasira ta' kull proġett.

Artikolu 18

Viżibbiltà

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida sabiex tiżgura l-viżibbiltà ta' l-appoġġ finanzjarju mogħti taħt din id-Deċiżjoni.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmul fi Strasburgu, 25 ta' Settembru 2007.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	M. LOBO ANTUNES

DEĊIŻJONI Nru 1150/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Settembru 2007

li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-programm speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Skond it-Trattat, livell għoli ta' saħħa tal-bniedem għandu jkun żgurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u ta' l-attivitajiet Komunitarji kollha; azzjoni Komunitarja hija meħtieġa sabiex tinkludi kontribut għall-ksib ta' livell għoli tal-ħarsien tas-saħħa.

(2) L-azzjoni Komunitarja għandha tikkomplimenta politika nazzjonali immirata lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, filwaqt li twarrab sorsi ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem u tnaqqas il-ħsara relatata mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza mid-droga, inklużi informazzjoni u politika ta' prevenzjoni.

(3) Minħabba l-fatt li, skond riċerka, il-mard u l-mortalità assoċjati mad-dipendenza mid-droga jaffettwaw numru sew ta' ċittadini Ewropej, il-ħsara relatata mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza mid-droga tikkostitwixxi problema ewlenija għas-saħħa pubblika.

(4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni finali ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Droga u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Droga (2000-2004) indikat il-ħtieġa għal involviment regolari tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika ta' l-UE dwar id-droga.

(5) Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm Komunitarju ta' azzjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) [4] tinkludi l-iżvilupp ta' strateġiji u miżuri dwar id-dipendenza mid-droga, bħala wieħed mill-fatturi importanti relatati ma' l-istil ta' ħajja.

(6) Fir-Rakkomandazzjoni 2003/488/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara relatata mas-saħħa assoċjata mad-dipendenza mid-droga [5], il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jiffissaw bħala objettiv tas-saħħa pubblika l-prevenzjoni tad-dipendenza mid-droga u t-tnaqqis tar-riskji relatati, u li jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji komprensivi kif jixraq.

(7) F'Diċembru 2004, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Droga 2005-2012, li tkopri l-attivitajiet Ewropej kollha relatati mad-droga u li tiffissa l-miri prinċipali. Dawn il-miri jinkludu l-kisba ta' livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, benesseri u koeżjoni soċjali permezz tal-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' l-użu tad-droga, tad-dipendenza u l-ħsara relatata mad-droga għas-saħħa u għas-soċjetà.

(8) Il-Kunsill adotta l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Droga (2005-2008) [6] bħala strument kruċjali għat-traspożizzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Droga 2005-2012 f'azzjonijiet konkreti. L-għan finali tal-Pjan ta' Azzjoni hu li jnaqqas b'mod sinifikanti il-prevalenza ta' l-użu tad-droga fost il-popolazzjoni u li jnaqqas il-ħsara soċjali u għas-saħħa kkawżata bl-użu u l-kummerċ ta' droga illeċita.

(1) ĠU C 69, 21.3.2006, p. 1.
(2) ĠU C 192, 16.8.2006, p. 25.
(3) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Settembru 2007 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(4) ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 7).
(5) ĠU L 165, 3.7.2003, p. 31.
(6) ĠU C 168, 8.7.2005, p. 1.

(9) Il-Programm speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga " stabbilit skond din id-Deċiżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"), jimmira lejn l-implimentazzjoni ta' miri identifikati mill-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Droga 2005-2012 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Droga 2005-2008 u 2009-2012 billi jappoġġa proġetti li jimmiraw għall-prevenzjoni ta' l-użu tad-droga, inkluż billi jindirizza t-tnaqqis ta' ħsara relatata mad-droga u metodi ta' trattament b'kont meħud ta' l-aħħar għarfien xjentifiku.

(10) Hu importanti u meħtieġ li wieħed jagħraf l-implikazzjonijiet serji, immedjati u għall-perijodu fit-tul tad-droga għas-saħħa, għall-iżvilupp psikoloġiku u soċjali u għall-opportunitajiet ugwali ta' dawk konċernati, għall-individwi, għall-familji u l-komunitajiet, u li wieħed jagħraf l-ispejjeż soċjali u ekonomiċi kbar għas-soċjetà kollha kemm hi.

(11) Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-prevenzjoni ta' l-użu tad-droga fost iż-żgħażagħ li huma l-aktar vulnerabbli fil-popolazzjoni. L-isfida ewlenija fil-prevenzjoni hija li ż-żgħażagħ jiġu inkoraġġuti jadottaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa.

(12) Il-Komunità Ewropea tista' toħloq valur miżjud lill-azzjonijiet li jittieħdu minn Stati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni u l-informazzjoni, inkluż it-trattament u t-tnaqqis tal-ħsara relatata mad-droga, billi tikkomplimenta dawk l-azzjonijiet u billi tippromwovi sinerġiji.

(13) Bi qbil ma' l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat mill-Kummissjoni [1] dwar il-proċedimenti tal-kumitat relatati ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew għandu jirċievi l-abbozz tal-programm annwali meta dan ikun sottomess lill-kumitat ta' ġestjoni. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew għandu jirċievi r-riżultati tal-votazzjoni u sommarju tad-dokumenti tal-laqgħat ta' dak il-kumitat.

(14) Għandha tiġi assigurata komplementarjetà mal-kompetenza teknika taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "ċ-Ċentru") billi jsir użu tal-metodoloġija u l-aħjar prattiċi żviluppati miċ-Ċentru u permezz ta' l-involviment tiegħu fit-tħejjija tal-programm ta' ħidma annwali.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(15) Billi l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux, minħabba l-bżonn ta' skambju ta' informazzjoni fuq livell Komunitarju u ta' tixrid tul il-Komunità ta' prattika tajba, jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-ħtieġa għal ħidma koordinata u multidixxiplinari u minħabba l-iskala u l-effetti tal-Programm, jintlaħqu aħjar f'livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(16) Waqt li żżomm f'moħħha l-importanza tal-viżibbiltà tal-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida biex tiżgura li kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni mhux-governattiva, organizzazzjoni internazzjonali jew entità oħra li tirċievi għotja taħt il-Programm tirrikonoxxi kif xieraq l-appoġġ riċevut.

(17) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, għat-tul sħiħ tal-Programm, pakkett finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda [2] għall-awtorita tal-baġit matul il-proċedura baġitarja annwali.

(18) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 [4], li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-Komunità, huma applikati filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tas-sempliċità u l-konsistenza fl-għażla ta' l-istrumenti baġitarji, limitazzjoni fuq in-numru ta' każijiet fejn il-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà diretta għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tagħhom, u l-proporzjonalità meħtieġa bejn l-ammont ta' riżorsi u l-piż amministrattiv relatat ma' l-użu tagħhom.

[2] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
[4] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).

(19) Għandhom jittieħdu wkoll miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu rkuprati fondi mitlufa, imħallsa b'mod mhux dovut jew użati ħażin b'mod konformi mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, [1] ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ikunu protetti minn frodi u irregolaritajiet oħra [2], u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) [3].

(20) Ir-Regolament Finanzjarju jesiġi att bażiku li jkun ipprovdut biex ikopri l-għotjiet operattivi.

(21) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti fuq il-Kummissjoni, filwaqt li ssir distinzjoni bejn dawk il-miżuri li huma soġġetti għall-proċedura ta' ġestjoni u dawk li huma soġġetti għall-proċedura konsultattiva, fejn f'ċerti każijiet u bil-ħsieb ta' effiċjenza akbar, il-proċedura konsultattiva tkun l-aktar adatta.

(22) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva u fil-ħin ta' dan il-Programm, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Stabbiliment u kamp ta' applikazzjoni tal-Programm

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-Programm Speċifiku "Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga", (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Programm"), bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja", sabiex jikkontribwixxi għall-iżgurar ta' livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u għat-tnaqqis tal-ħsara lis-saħħa relatata mad-droga.

2. Il-Programm għandu jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 2

Objettivi ġenerali

Il-Programm għandu jkollu l-objettivi ġenerali li ġejjin:

(a) li jipprevjeni u jnaqqas l-użu tad-droga, id-dipendenza u l-ħsara relatata mad-droga;

(b) li jikkontribwixxi għat-titjib ta' l-informazzjoni dwar l-użu tad-droga; u

(ċ) li jappoġġa l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Droga.

Artikolu 3

Objettivi speċifiċi

Il-Programm għandu jkollu l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li jippromwovi azzjonijiet transnazzjonali biex:

(i) jiġu stabbiliti *networks* multidixxiplinari;

(ii) jiġu żgurati l-espansjoni tal-bażi ta' għarfien, l-iskambju ta' informazzjoni u l-identifikazzjoni u d-disseminazzjoni ta' prattiċi tajba, inkluż permezz ta' taħriġ, żjajjar ta' studju u skambju ta' persunal;

(iii) tiżdied il-kuxjenza dwar il-problemi tas-saħħa u dawk soċjali kkawżati bl-użu tad-droga u jiġi inkoraġġit djalogu miftuħ bil-ħsieb tal-promozzjoni ta' ftehim aħjar tal-fenomenu tad-droga; u

(iv) jiġu appoġġati miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni ta' l-użu tad-droga, inkluż bl-indirizzar ta' tnaqqis ta' ħsara relatata mad-droga u metodi ta' trattament li jieħdu kont ta' l-għarfien xjentifiku l-aktar modern;

(b) li jinvolvi lis-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Droga u l-Pjanijiet ta' azzjoni ta' l-UE dwar id-Droga; u

(ċ) biex tiġi sorveljata, implimentata u evalwata l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi taħt il-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar id-Droga 2005-2008 u 2009-2012. Il-Parlament Ewropew hu involut fil-proċess ta' evalwazzjoni permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp ta' tmexxija ta' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni.

Artikolu 4

Azzjonijiet

Bil-ħsieb li jintlaħqu l-objettivi ġenerali u speċifiċi mniżżla fl-Artikoli 2 u 3, dan il-Programm għandu jappoġġa t-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin taħt il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-programm ta' ħidma annwali imsemmi fl-Artikolu 9(2):

(1) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
(2) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
(3) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

(a) azzjonijiet speċifiċi mwettqin mill-Kummissjoni, bħalma huma studji u riċerka, kejl ta' opinjonijiet u *surveys*, formulazzjoni ta' indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u disseminazzjoni ta' *data* u ta' statisitika, *seminars*, konferenzi u laqgħat ta' esperti, l-organizzazzjoni ta' kampanji u avvenimenti pubbliċi, żvilupp u manutenzjoni ta' *websites*, tħejjija u disseminazzjoni ta' materjal ta' informazzjoni, appoġġ għal u inkoraġġiment ta' *networks* ta' esperti nazzjonali, attivitajiet ta' analiżi, monitoraġġ u evalwazzjoni;

(b) proġetti transnazzjonali speċifiċi ta' interess Komunitarju ppreżentati minn ta' l-inqas żewġ Stati Membri jew minn ta' l-inqas Stat Membru wieħed u stat wieħed ieħor li jista' jkun pajjiż aderenti jew pajjiż kandidat taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fil-programm ta' ħidma annwali; jew

(ċ) attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux-governattivi jew entitajiet oħra f'ħidma għal għan ta' interess Ewropew ġenerali rigward l-objettivi ġenerali tal-Programm taħt il-kondizzjonijiet imniżżla fil-programm ta' ħidma annwali.

Artikolu 5

Parteċipazzjoni

Il-pajjiżi li ġejjin jistgħu jieħdu sehem fl-azzjonijiet tal-Programm:

(a) l-Istati ta' l-EFTA li huma membri tal-Ftehim ŻEE, skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim; u

(b) il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi tal-Balkani tal-punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim ta' assoċjazzjoni jew il-protokolli addizzjonali tagħhom relatati mal-parteċipazzjoni fi programmi Komunitarji konklużi jew li għandhom jiġu konklużi ma' dawk il-pajjiżi.

Pajjiżi kandidati li ma jipparteċipawx fil-Programm jistgħu jkunu assoċjati ma' proġetti jekk dan ikun jikkontribwixxi għat-tħejjija tagħhom għall-adeżjoni, kif ukoll pajjiżi terzi oħra jew organizzazzjonijiet internazzjonali li ma jeħdux sehem fil-Programm jekk dan ikun jaqdi l-għan tal-proġetti.

Artikolu 6

Gruppi ta' Mira

1. Il-Programm hu mmirat lejn il-gruppi kollha li direttament jew indirettament jittrattaw il-fenomenu tad-droga.

2. Fir-rigward tad-droga, iż-żgħażagħ, in-nisa, il-gruppi vulnerabbli u dawk li jgħixu f'inħawi żvantaġġati soċjalment huma gruppi f'riskju u għandhom jiġu identifikati bħala gruppi ta' mira. Gruppi ta' mira oħra jinkludu l-għalliema u l-persunal edukattiv, il-ġenituri, il-ħaddiema soċjali, l-awtoritajiet lokali u nazzjonali, il-persunal mediku u paramediku, il-persunal ġudizzjarju, l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi u dawk penitenzjarji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, it-*trade unions* u l-komunitajiet reliġjużi.

Artikolu 7

Aċċess għall-Programm

Aċċess għal dan il-Programm għandu jkun miftuħ għall-organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet pubbliċi jew privati (awtoritajiet lokali fil-livell rilevanti, dipartimenti ta' universitajiet u ċentri ta' riċerka) li jaħdmu fil-qasam ta' l-informazzjoni dwar u l-prevenzjoni ta' l-użu tad-droga inkluż it-tnaqqis u t-trattament ta' ħsara relatata mad-droga.

Korpi u organizzazzjonijiet li huma orjentati lejn il-profitt għandhom ikollhom aċċess għal għotjiet taħt il-Programm biss flimkien ma' organizzazzjonijiet mhux għal qligħ jew dawk statali.

Artikolu 8

Tipi ta' intervent

1. Il-finanzjament Komunitarju jista' jkun fil-forom legali li ġejjin:

(a) għotjiet; jew

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku.

2. Għandhom jingħataw għotjiet Komunitarji wara sejħiet għal proposti, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament sostanzjati kif previst fir-Regolament Finanzjarju, u għandhom jingħataw permezz ta' għotjiet operattivi u għotjiet għal azzjonijiet.

Il-programm ta' ħidma annwali għandu jispeċifika r-rata minima tan-nefqa annwali li għandha tingħata għall-għotjiet u r-rata massima għall-finanzjament konġunt.

3. Barra minn hekk, għandu jsir provvediment għal nefqa għal miżuri akkumpanjanti, permezz ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku, f'liema każ il-fondi Komunitarji għandhom ikopru x-xiri ta' merkanzija u ta' servizzi. Dan għandu jkopri, *inter alia*, in-nefqa għal informazzjoni u komunikazzjoni, tħejjija, implimentazzjoni, monitoraġġ, iċċekkjar u evalwazzjoni ta' proġetti, politika, programmi u leġislazzjoni.

Artikolu 9

Miżuri implimentattivi

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju Komunitarju skond ir-Regolament Finanzjarju.

2. Biex jiġi implimentat il-Programm, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-objettivi ġenerali mniżżlin fl-Artikolu 2, tadotta programm ta' ħidma annwali filwaqt li tieħu kont tal-kompetenza teknika taċ-Ċentru. Il-Programm għandu jistabbilixxi l-objettivi speċifiċi, il-prijoritajiet tematiċi, deskrizzjoni ta' miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 8 u, jekk meħtieġ, lista ta' azzjonijiet oħra tiegħu.

L-ewwel programm ta' ħidma annwali għandu jiġi adottat sat-23 ta' Jannar 2008.

3. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jiġi adottat skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 10(3).

4. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni u allokazzjoni relatati ma' għotjiet għal azzjonijiet għandhom jieħdu kont, fost l-oħrajn, tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità ta' l-azzjoni proposta mal-programm ta' ħidma annwali, l-objettivi speċifikati fl-Artikolu 2 u 3 u t-tipi ta' azzjoni stipulati fl-Artikolu 4;

(b) il-kwalità ta' l-azzjoni proposta fir-rigward tat-tfassil, l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u r-riżultati mistennija;

(ċ) l-ammont ta' finanzjament Komunitarju mitlub u kemm hu xieraq meta mqabbel mar-riżultati mistennija; u

(d) l-impatt tar-riżultati mistennija fuq l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 u fuq l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4.

5. L-applikazzjonijiet għall-għotjiet operattivi, kif imsemmija fl-Artiklu 4(ċ), għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta':

(a) il-konsistenza tagħhom ma' l-objettivi tal-Programm;

(b) il-kwalità ta' l-attivitajiet ippjanati;

(ċ) kwalunkwe effett multiplikatorju probabbli ta' dawn l-attivitajiet fuq il-pubbliku;

(d) l-impatt ġeografiku u soċjali ta' l-attivitajiet imwettqa;

(e) l-involviment taċ-ċittadini fl-organizzazzjoni tal-korpi konċernati; u

(f) il-proporzjon ta' spiża/gwadann ta' l-attività proposta.

6. Id-deċiżjonijiet relatati ma' azzjonijiet proposti imsemmija fl-Artikolu 4(a) għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 10(3). Id-deċiżjonijiet relatati ma' proġetti u azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(b) u (ċ) rispettivament għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 10(2).

Id-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għal għotjiet li jinvolvu korpi jew organizzazzjonijiet orjentati lejn il-profitt għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 10(3).

Artikolu 10

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.

2. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, tenut kont tad-disposizzjonjiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn qed issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, meħud kont tad-disposizzjonjiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

Artikolu 11

Komplimentarjetà

1. Sinerġiji u komplimentarjetà ma' strumenti Komunitarji oħra għandhom jiġu mfittxija, b'mod partikolari mal-Programmi Ġenerali "Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertajiet", is-7 Programm Qafas ta' Riċerka u Żvilupp u l-Programm Komunitarju dwar is-Saħħa Pubblika. Għandha tiġi żgurata komplimentarjetà mal-metodoloġija u l-aħjar prattiċi żviluppati miċ-Ċentru, b'mod partikolari rigward l-element ta' l-istatistika ta' informazzjoni dwar id-droga.

2. Il-Programm jista' jaqsam riżorsi ma' strumenti Komunitarji oħra, b'mod partikolari mal-Programmi Ġenerali "Sigurtà u Salvagwardja tal-Libertajiet", "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" u s-7 Programm Qafas ta' Riċerka u Żvilupp sabiex jiġu implimentati azzjonijiet li jilħqu l-objettivi tal-Programmi kollha.

3. Operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni ma għandhomx jirċievu appoġġ finanzjarju għall-istess skop minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra. Il-Kummissjoni għandha tesiġi li l-benefiċjarji tal-Programm jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar finanzjament irċevut mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea u minn sorsi oħra, kif ukoll informazzjoni dwar applikazzjonijiet kurrenti għal finanzjament.

Artikolu 12

Riżorsi baġitarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 21 350 000.

2. Ir-riżorsi baġitarji allokati għall-azzjonijiet li l-Programm jipprovdi għalihom għandhom jiddaħlu fl-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 13

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li għal kwalunkwe azzjoni ffinanzjata mill-Programm, il-benefiċjarju jippreżenta rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tax-xogħol u li rapport finali jiġi ppreżentat fi żmien tliet xhur mill-kompletament ta' l-azzjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-forma u l-kontenut tar-rapporti.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kuntratti u l-ftehim li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Programm jipprovdu b'mod partikolari għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha), jekk meħtieġ permezz ta' kontrolli fuq il-post, inkluż kontrolli ta' kampjuni, u verifiki mill-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Għal perijodu ta' ħames snin wara l-aħħar pagament fir-rigward ta' kwalunkwe azzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-benefiċjarju ta' appoġġ finanzjarju jżomm għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ fir-rigward tan-nefqa fuq l-azzjoni.

4. Abbażi tar-riżultati tar-rapporti u l-kontrolli fuq il-post imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kondizzjonijiet ta' allokazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju oriġinarjament approvat kif ukoll l-iskeda ta' żmien għall-pagamenti.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jittieħed kull pass ieħor meħtieġ biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu sew u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni u tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 14

Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta azzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji Komunitarji jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra frodi, korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u permezz ta' l-irkupru ta' l-ammonti mħallsa mhux kif dovut u, jekk jiġu individwati irregolaritajiet, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi, skond ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96, u (KE) Nru 1073/1999.

2. Għall-azzjonijiet Komunitarji ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw ir-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96 għal kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja, inkluż ksur ta' obbligu kuntrattwali stipulat abbażi tal-Programm, li jirriżulta minn att jew ommissjoni ta' operatur ekonomiku, li għandu jew li kien ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew baġits amministrati mill-Komunitajiet, b'element ta' nefqa mhux ġustifikata.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' appoġġ finanzjarju mogħti għal azzjoni, jekk issib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew il-ftehim li jagħtu l-appoġġ finanzjarju konċernat, jew jekk jirriżulta li, mingħajr ma tkun intalbet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni tkun soġġetta għal bidla li tmur kontra n-natura jew il-kondizzjonijiet implimentattivi tal-proġett.

4. Jekk il-limiti ta' żmien ma ġewx osservati jew jekk parti biss ta' l-appoġġ finanzjarju allokat hija ġustifikata bil-progress li jkun sar bl-implimentazzjoni ta' l-azzjoni, l-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jippreżenta osservazzjonijiet fi żmien perijodu speċifikat. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-appoġġ finanzjarju li jkun fadal tesiġi li somom diġà mħallsin jintalbu lura.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe pagament mhux dovut jitħallas lura lill-Kummissjoni. L-interessi għandhom jiġu magħduda ma' kwalunkwe somma mhux imħallsa lura f'waqtha skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 15

Evalwazzjoni

1. Il-Programm ser jiġi mmonitorjat regolarment sabiex tiġi segwita l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imwettqa taħtu.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-Programm.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bi:

(a) preżentazzjoni annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm;

(b) rapport *interim* ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Programm mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011;

(ċ) komunikazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-Programm sa mhux aktar tard mit-30 ta' Awwissu 2012; u

(d) rapport ta' evalwazzjoni *ex post* sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 16

Pubblikazzjoni ta' proġetti

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Programm b'deskrizzjoni qasira ta' kull proġett.

Artikolu 17

Viżibbiltà

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti taħt din id-Deċiżjoni.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 9(2) u (3) u l-Artikolu 10(3), li għandhom japplikaw mid-data li fiha din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ.

Magħmul fi Strasburgu, 25 ta' Settembru 2007.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	M. LOBO ANTUNES

II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Settembru 2007

rigward kontribut finanzjarju mill-Komunità lejn stħarriġ dwar il-prevalenza tas-*Salmonella* spp. fil-merħliet ta' ħnieżer għat-tgħammir imwettaq fl-Istati Membri

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4434)

(2007/636/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula proċeduri li jirregolaw kontribut finanzjarju mill-Komunità lejn miżuri veterinarji speċifiċi, li jinkludu miżuri tekniċi u xjentifiċi. Tistipula li l-Komunità għandha timpenja ruħha jew tgħin lill-Istati Membri fit-twettiq ta' miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-iżvilupp ta' edukazzjoni jew taħriġ veterinarju.

(2) Skond l-Artikolu 4 u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-*Salmonella* u aġenti żoonotiċi ohra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel [2], għan Komunitarju hu stabbilit għat-tnaqqis tal-prevalenza tas-*Salmonella* fil-popolazzjonijiet tal-merħliet tal-ħnieżer għat-tgħammir.

(3) Fit-30 ta' April 2007, it-Task Force dwar il-Ġbir tad-*Data* fuq iż-Żoonosi ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari (EFSA) adottat Rapport dwar il-proposta għal speċifikazzjonijiet tekniċi għal studju bażiku dwar il-prevalenza tas-*Salmonella* fil-ħnieżer għat-tgħammir [3] ("ir-rapport EFSA").

(4) Sabiex tiġi stabbilita mira Komunitarja, *data* komparabbli dwar il-persentaġġ ta' stabbilimenti ta' ħnieżer għat-tgħammir infettati bis-*Salmonella* fl-Istati Membri, jeħtieġu jkunu disponibbli. Tali tagħrif mhux disponibbli u għal-hekk għandu jsir stħarriġ speċjali biex tiġi sorveljata l-prevalenza tas-*Salmonella* fil-ħnieżer għat-tgħammir fuq perjodu xieraq sabiex jitqiesu l-varjazzjonijiet staġjonali possibbli. L-istħarriġ għandu jissejjes fuq ir-rapport ta' l-EFSA.

(5) Ir-rapport ta' l-EFSA jirrakkomanda wkoll teħid ta' kampjuni supplimentari għall-istima ta' prevalenza fi ħdan l-istabbilimenti. Tali teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq minn għadd ta' Stati Membri li ġeografikament jirrappreżentaw is-sitwazzjonijiet differenti fil-Komunità.

(6) L-istħarriġ għandu jipprovdi tagħrif tekniku meħtieġ għall-iżvilupp tal-leġislazzjoni veterinarja Komunitarja. Minħabba l-importanza tal-ġbir ta' *data* komparabbli dwar il-prevalenza tas-*Salmonella* fil-ħnieżer għat-tgħammir fl-Istati Membri, dawn għandhom jingħataw kontribut finanzjarju Komunitarju sabiex jimplimentaw ir-rekwiżiti speċifiċi ta' l-istħarriġ. Huwa xieraq li jitħallsu lura 100 % ta' l-ispejjeż li ntefqu fuq testijiet f'laboratorji; dan hu soġġett għal limitu. L-ispejjeż l-oħra kollha li ġġarrbu bħat-teħid ta' kampjuni, vjaġġar, amministrazzjoni, eċċ. m'għandhomx ikunu eliġibbli għal kontribut finanzjarju Komunitarju.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
[2] ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006.
[3] *Il-Ġurnal EFSA* (2007) 99, 1-28.

(7) Il-kontribut finanzjarju mill-Komunità għandu jingħata dment li l-istħarriġ jitwettaq skond id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi Komunitarja u suġġett għal konformità ma' ċertu kundizzjonijiet oħra.

(8) Il-kontribut finanzjarju mill-Komunità għandu jingħata sakemm l-azzjonijiet stipulati jitwettqu b'mod effettiv u dment li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu t-tagħrif meħtieġ kollu fi ħdan il-limiti taż-żmien stipulati.

(9) Minħabba raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva, l-infiq kollu ppreżentat għal kontribut finanzjarju mill-Komunità għandu jintwera f'euro. Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], ir-rata ta' konverżjoni għall-infiq f'munita għajr l-euro għandha tkun ir-rata stabbilita dan l-aħħar mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel ġurnata tax-xahar li fih tressqet l-applikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tema tas-suġġett u l-ambitu

Din id-Deċiżjoni tistipula r-regoli dwar il-kontribut finanzjarju mill-Komunità lejn l-istħarriġ bażiku mwettaq fl-Istati Membri biex jevalwa l-prevalenza tas-*Salmonella* spp. mal-Komunità fil-ħnieżer għat-tgħammir li tteħdilhom kampjun fil-livell ta' l-istabbilimenti ("l-istħarriġ").

Ir-riżultati ta' l-istħarriġ għandhom jintużaw biex jistabbilixxu mira Komunitarja kif stipulata fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u biex jiġi kkunsidrat l-aħjar approċċ għall-valutazzjoni fil-ġejjieni tal-kisba ta' tali mira.

Artikolu 2

Definizzjoni

Għal skopijiet ta' din id-Deċiżjoni, "l-awtorità kompetenti" se tkun l-awtorità jew l-awtoritajiet ta' Stat Membru kif maħtura skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

Artikolu 3

Ambitu ta' l-istħarriġ

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ biex jivvalutaw il-prevalenza tas-*Salmonella* spp. fil-ħnieżer għat-tgħammir li tteħdilhom kampjun fil-livell ta' l-istabbilimenti skond l-Anness I.

2. L-istħarriġ se jkopri perjodu ta' sena mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 4

Twettiq tat-teħid tal-kampjuni u l-analiżi

It-teħid tal-kampjuni u l-analiżi se jitwettqu mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha skond l-ispeċikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness I.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet għall-għoti ta' kontribut finanzjarju Komunitarju

1. Il-kontribut finanzjarju mill-Komunità lejn l-ispejjeż ta' l-analiżi se jingħata lill-Istati Membri sa l-ammont totali massimu għall-kofinanzjament stipulat fl-Anness II tul l-istħarriġ kollu.

2. Il-kontribut finanzjarju mill-Komunità stipulat fil-paragrafu 1 għandu jingħata lill-Istati Membri dment li l-istħarriġ jiġi implimentat skond id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi Komunitarja, kif ukoll skond ir-regoli dwar il-kompetizzjoni u dwar l-għoti tal-kuntratti pubbliċi, u f'konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ għandhom jidħlu fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 2008 l-aktar tard;

(b) għandu jitressaq rapport ta' progress li fih it-tagħrif imniżżel fil-punt 5.1 ta' l-Anness I u li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2008 l-akar tard.

(c) għandu jitressaq rapport finali dwar l-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ, flimkien ma' xhieda li tiżgura l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri għall-analiżi u r-riżultati miksuba tul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 lill-Kummissjoni sat-28 ta' Frar 2009 l-aktar tard;

(d) l-istħarriġ għandu jiġi implimentat b'mod effettiv.

[1] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 378/2007 (ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).

Ix-xhieda ta' l-ispejjeż imġarrba kif imsemmi fil-punt (c) tat-tieni paragrafu għandha tinkludi għall-inqas it-tagħrif stipulat fl-Anness III.

3. Jekk ir-rapport finali msemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ma jiġix ippreżentat, dan iwassal għal tnaqqis progressiv tal-kontribut finanzjarju li għandu jitħallas mill-Komunità, li jammonta għal 25 % ta' l-ammont totali sal-31 ta' Marzu 2009, 50 % sat-30 ta' April 2009 u 100 % sal-31 ta' Mejju 2009.

Artikolu 6

Ammonti massimi li għandhom jitħallsu lura

L-ammonti massimi tal-kontribut finanzjarju mill-Komunità għall-ispejjeż li għandhom jitħallsu lura lill-Istati Membri għall-analiżijiet koperti mill-istħarriġ m'għandhomx jaqbżu dawn li ġejjin:

(a) 20 EUR għal kull test għal sejba batterjoloġika tas-*Salmonella* spp;

(b) 30 EUR għas-serotipar ta' l-iżolati relevanti.

Artikolu 7

Ġabra tad-*data*, valutazzjoni u rappurtar

1. L-awtorità kompetenti responsabbli mit-tħejjija tar-rapport nazzjonali annwali skond l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandha tiġbor u tivvaluta r-riżultati ta' l-istħarriġ.

2. Il-Kummissjoni se tressaq id-*data* nazzjonali u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza Alimentari, li se teżaminahom.

3. Id-*data* nazzjonali u r-riżultati se jitħabbru f'forma li tiżgura kunfidenzjalità.

Artikolu 8

Rata ta' kambju għall-infiq

Meta l-infiq ta' Stat Membru jkun f'munita għajr l-euro, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaqleb il-munita tiegħu f'euro billi japplika l-aħħar rata ta' kambju stipulata mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel ġurnata tax-xahar li fih l-applikazzjoni għall-kontribut finanzjarju mill-Komunità titressaq mill-Istat Membru.

Artikolu 9

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 10

Id-destinatarji

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 31.

ANNESS I

Speċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikoli 3(1), 4 u 5(2)(b)

1. **DESKRIZZJONI ĠENERALI TA' L-ISTĦARRIĠ**

L-istħarriġ se jitwettaq skond id-deskrizzjoni ġenerali fit-Tabella 1.

Tabella 1: Deskrizzjoni ġenerali ta' l-istħarriġ



2. **QAFAS GĦAT-TEĦID TA' KAMPJUNI**

2.1. **Id-deskrizzjoni tal-popolazzjoni**

L-istħarriġ se jitwettaq fuq stabbilimenti li għandhom mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni tal-ħnieżer għat-tgħammir fi Stat Membru. Preferibbilment l-istabbilimenti li għandom 50 ħanżir jew aktar għandu jitteħdilhom kampjun. Madankollu, jekk dawk l-istabbilimenti li għandhom 50 ħanżir għat-tgħammir jew aktar m'għandhomx 80 % tal-merħla nazzjonali tal-ħnieżer għat-tgħammir, allura stabbilimenti iżgħar b'inqas minn 50 ħanżir għat-tgħammir għandu jitteħdilhom kampjun ukoll.

Stabbilimenti bi ħnieżer għat-tgħammir se jiġu kklassifikati jew bħala "stabbilimenti għat-tgħammir" jew bħala "stabbilimenti tal-produzzjoni". Stabbilimenti għat-tgħammir li jbiegħu ħnieżer nisa żgħar u/jew ħnieżer tar-refgħa għat-tgħammir. Tipikament, ibiegħu 40 % jew aktar mill-ħnieżer nisa ż-żgħar li jrabbu għat-tgħammir filwaqt li l-bqija jinbiegħu għall-qatla. Min-naħa l-oħra, l-istabbilimenti tal-produzzjoni jbiegħu ġeneralment ħnieżer għat-tismin jew għall-qatla.

Il-prevalenza tas-*Salmonella* għandha titkejjel separatament fl-istabbilimenti għat-tgħammir (il-parti 1 ta' l-istħarriġ) u fl-istabbilimenti tal-produzzjoni (il-parti 2 ta' l-istħarriġ), li tirrappreżenta l-merħliet kif indikati fit-Tabella 2, iżda li teskludi l-merħliet ta' ħnieżer li jinfatmu sal-ħnieżer li waslu għall-qatla li jiżnu aktar minn 70 kg.

Tabella 2: Ħarsa ġenerali ta' l-istabbilimenti



2.2. Il-kampjun u l-istrateġija ta' teħid ta' kampjuni

Iż-żewġ partijiet ta' l-istħarriġ se jkollhom disinn simili ta' teħid ta' kampjuni b'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, se jintgħażel kampjun każwali ta' l-istabbilimenti f'kull Stat Membru mill-istabbilimenti għat-tgħammir u kampjun każwali ieħor se jintgħażel mill-grupp ta' l-istabbilimenti tal-produzzjoni. In-numru ta' stabbilimenti meħtieġa se jiġi diskuss fit-taqsima 2.3. Fit-tieni stadju, se jintgħażlu numru ta' mqajjel għat-teħid tal-kampjuni fi ħdan kull stabbiliment magħżul (ara t-taqsima 2.2.2).

2.2.1. *L-ewwel stadju: għażla ta' l-istabbilimenti*

Kull Stat Membru għandu joħloq żewġ oqfsa għat-teħid ta' kampjuni. L-ewwel għandu jniżżel l-istabbilimenti għat-tgħammir eliġibbli kollha (normalment dawk l-istabbilimenti b'mill-inqas 50 ħanżir għat-tgħammir – ara t-taqsima 2.1) u t-tieni se jniżżel l-istabbilimenti tal-produzzjoni eliġibbli kollha. In-numru meħtieġ ta' stabbilimenti għal kull parti ta' l-istħarriġ se jintgħażel każwalment minn kull lista. Kampjun każwali hu maħsub jiżgura li l-istħarriġ jinkludi stabbilimenti b'firxa ta' daqsijiet tal-merħla u mir-reġjuni kollha ta' Stat Membru fejn jinżammu l-ħnieżer. Huwa magħruf li, f'ċerti Stati Membri, jista' jkun hemm xi stabbilimenti (pereżempju inqas minn 10 % mill-istabbilimenti eliġibbli kollha) b'merħla ta' daqs kbir ħafna. B'hekk, minħabba l-għażla każwali jista' jkun li l-ebda minn dawn il-merħliet kbar ħafna ma jintgħażlu. Stat Membru jista' juża kriterju ta' stratifikazzjoni qabel ma ssir l-għażla ta' l-istabbilimenti - pereżempju, biex jiġi ddefinit grupp li fih l-10 % ta' l-akbar merħliet u biex jiġi allokat 10 % tad-daqs tal-kampjun meħtieġ lil dan il-grupp. Bl-istess mod, l-Istat Membru jista' jqassam fi gruppi l-kampjun mar-reġjuni amministrattivi skond il-kobor tal-merħliet eliġibbli f' kull reġjun. Kwalunkwe stratifikazzjoni li titqies, għandha tiġi deskritta fir-rapport li Stat Membru jressaq lill-Kummissjoni skond il-paragrafu 5(1).

Jekk stabbiliment magħżul ma jistax jitteħidlu kampjun (pereżempju, jekk ma għadux jeżisti meta t-teħid tal-kampjun jitwettaq) jintgħażel stabbiliment ieħor każwalment mill-istess qafas għat-teħid ta' kampjuni. Jekk kien hemm xi stratifikazzjoni partikolari (pereżempju fuq id-daqs tal-merħla jew ir-reġjun), allura l-istabbiliment il-ġdid għandu jintgħażel mill-istess grupp statistiku.

Id-daqs tal-kampjun ewlieni (in-numru ta' stabbilimenti li għandu jitteħdilhom kampjun) għandu jkun bejn wieħed u ieħor imxerred l-istess tul is-sena biex ikopri l-istaġuni differenti, kemm jista' jkun. Il-kampjuni għandhom jittieħdu minn, bejn wieħed u ieħor, wieħed minn kull tnax ta' l-għadd ta' stabbilimenti kull xahar.

L-istabbilimenti ta' barra għandhom jiġu inklużi fl-istħarriġ iżda ma hemm l-ebda stratifikazzjoni mandatorja fuq dan it-tip ta' produzzjoni.

2.2.2. *It-tieni stadju: teħid ta' kampjuni fl-istabbilimenti*

F'kull merħla għat-tgħammir u merħla ta' produzzjoni magħżula, l-imqajjel, mgħalaq jew gruppi ta' ħnieżer għat-tgħammir 'il fuq minn 6 xhur li għandu jitteħdilhom kampjun se jintgħażlu każwalment.

L-għadd ta' mqajjel, mgħalaq jew gruppi li għandu jitteħdilhom kampjun għandu jkun allokat proporzjonalment skond in-numru ta' ħniezer għat-tgħammir fl-istadji differenti ta' produzzjoni (tqal, mhux tqal, jew kategoriji oħra ta' ħnieżer għat-tgħammir). Il-kategoriji ta' l-età eżatta li għandu jitteħdilhom kampjun ma ġewx preskritti, iżda dan it-tagħrif għandu jinġabar tul it-teħid tal-kampjuni.

Il-ħnieżer għat-tgħammir li m' ilhomx li waslu fil-merħla u li huma miżmuma fil-kwarantina ma jridux jiġu inklużi fl-istħarriġ.

2.3. Il-kalkolu tad-daqs tal-kampjun

2.3.1. *Id-daqs tal-kampjun ewlieni (id-daqs tal-kampjun ta' l-ewwel stadju)*

Kalkolu ewlieni regolari tad-daqs tal-kampjun se jsir għall-istabbilimenti għat-tgħammir u kalkolu regolari ieħor tad-daqs tal-kampjun se jsir għall-istabbilimenti tal-produzzjoni. Id-daqs tal-kampjun ewlieni se jkun in-numru ta' stabbilimenti għat-tgħammir li għandu jitteħdilhom kampjun u n-numru ta' stabbilimenti tal-produzzjoni li għandu jitteħdilhom kampjun f'kull Stat Membru u se jiġi ddeterminat f'kunsiderazzjoni għall-kriterji li ġejjin, bl-użu ta' kampjun sempliċi każwali:

(a) In-numru totali ta' stabbilimenti għat-tgħammir (stabbilimenti għat-tgħammir, l-ewwel parti ta' l-istħarriġ);

(b) In-numru totali ta' stabbilimenti tal-produzzjoni (stabbilimenti tal-produzzjoni, it-tieni parti ta' l-istħarriġ);

(c) Prevalenza annwali mistennija (p): 50 %;

(d) livell ta' kunfidenza mixtieq (Z): 95 %, jikkorrispondi għall-valur Z_{α} ta' 1.96;

(e) preċiżjoni (L): 7.5 %;

(f) bl-użu ta' dawn il-valuri u l-formola: $n_{\infty} = \frac{(Z_{\alpha})^2\ p(1-p)}{L^2}$

Il-kalkolu, l-ewwel se jsir għall-istabbilimenti għat-tgħammir u mbagħad, għall-istabbilimenti tal-produzzjoni. F'kull każ, l-assunzjonijiet fil-passi c-e hawn fuq huma l-istess.

Għal raġunijiet prattiċi, jekk hemm 100 000 stabbiliment jew aktar jew fil-qafas għat-teħid ta' kampjuni tal-merħliet għat-tgħammir jew fil-qafas tal-kampjun tal-merħliet tal-produzzjoni, allura dik il-popolazzjoni tista' titqies bħala infinita u l-għadd ta' stabbilimenti li għandhom jintgħażlu każwalment minn dak il-qafas għat-teħid ta' kampjun huwa 171 (ara t-Tabella 1). Meta l-għadd ta' merħliet għat-tgħammir jew merħliet tal-produzzjoni jkun inqas minn 100 000, fattur ta' korrezzjoni finit għall-popolazzjoni jiġi applikat u jkunu meħtieġa anqas stabbilimenti fil-kampjun kif muri fit-Tabella 1.

Pereżempju, jekk fi Stat Membru hemm 1 000 stabbiliment, li jagħmlu parti mill-grupp ta' stabbilimenti tal-produzzjoni, u 250 stabbiliment, li jagħmlu parti mill-grupp ta' stabbilimenti għat-tgħammir, 147 stabbiliment għandu jitteħdilhom kampjun fil-grupp ta' stabbilimenti tal-produzzjoni u 102 stabbiliment għandu jitteħdilhom kampjun fil-grupp ta' stabbilimenti għat-tgħammir.

Tabella 1

Għadd ta' stabbilimenti bi ħnieżer għat-tgħammir fi kwalunkwe parti mill-istħarriġ bħala funzjoni tad-daqs finit tal-popolazzjoni (numru totali ta' l-istabbilimenti bi ħnieżer għat-tgħammir fl-Istati Membri)

Numru ta' stabbilimenti bi ħnieżer għat-tgħammir (N)	Daqs tal-kampjun (n) għad-daqs finit tal-popolazzjoni b'reqqa ta' 7.5 %
100 000	171
10 000	169
5 000	166
2 000	158
1 000	147
500	128
250	102
150	80
125	73
100	64
90	59
80	55
70	50
60	45
50	39
40	33
30	26
20	18
10	10

In-nuqqas ta' rispons se jiġi antiċipat pereżempju biż-żieda tad-daqs tal-kampjun f'kull grupp b'10 %. Kwalunkwe stabbiliment mhux xieraq se jinbidel fil-proċess ta' l-istħarriġ (ara t-taqsima 2.2.1).

F'każ li stima tan-numru ta' "stabbilimenti għat-tgħammir" ma tkunx possibbli qabel il-bidu ta' l-istħarriġ, se jintgħażlu għadd ta' stabbilimenti għat-teħid tal-kampjuni kif muri fit-Tabella 1 imsejjes fuq in-numru totali ta' stabbilimenti bi ħnieżer nisa (X stabbilimenti). L-għadd ta' stabbilimenti li għandu jitteħdilhom kampjun se jiżdied b'mill-inqas 30 % ((X + 30 %) stabbilimenti). Qabel l-istħarriġ, l-awtorità kompetenti għandha tidentifika għadd ta' stabbilimenti għat-tgħammir, li hu mill-inqas daqs dan it-30 % supplimentari. Tul iż-żjajjar ta' l-irziezet, l-istabbiliment se jiġi kklassifikat bħala għat-tgħammir jew tal-produzzjoni skond id-definizzjonijiet ta' hawn fuq.

2.3.2. *Id-daqs tal-kampjun sekondarju (id-daqs tal-kampjun tat-tieni stadju)*

F'kull stabbiliment magħżul kampjuni regolari tal-feċi (ara t-taqsima 3.1) se jinġabru minn 10 mqajjel, mgħalaq jew gruppi ta' ħnieżer għat-tgħammir magħżula każwalment. Jekk meħtieġ (pereżempju f'akkomodazzjoni tal-ħlas jew fejn jinżammu l-ħnieżer nisa fi gruppi żgħar ta' inqas minn 10 individwi), grupp jista' jikkonsisti f'aktar minn maqjel wieħed. Mill-inqas għaxar ħnieżer għat-tgħammir indvidwali għandhom jikkontribwixxu għal kull kampjun regolari.

Madankollu, fi stabbilimenti żgħar jew stabbilimenti b'numru kbar ta' ħnieżer għat-tgħammir miżmuma barra f'reċint, in-numru ta' mqajjel, mgħalaq jew gruppi ta' inqas minn 10, it-teħid tal-kampjuni ta' l-istess maqjel, magħlaq jew grupp se jkun meħtieġ sabiex in-numru totali ta' 10 kampjuni tar-rutina jiġu ppreżentati.

3. **ĠABRA TAL-KAMPJUNI FIL-MERĦLIET**

3.1. **Tip u dettall tal-kampjun regolari**

Il-materjal miġbur għall-analiżi batterjoloġika se jkun feċi frisk li jirrappreżenta l-istabbiliment kollu, li hu l-unità ta' interess. Peress li kull stabbiliment hu uniku, se jiġi deċiż, qabel il-bidu tat-teħid tal-kampjuni, liema mqajjel, mgħalaq jew gruppi fi ħdan l-istabbiliment se jitteħdilhom kampjun. Il-kampjun miġbur se jitqiegħed f'kontenitur separat li jevita kontaminazzjoni minn kampjun għall-ieħor u jintbagħat lil-laboratorju.

Kull raggruppament ta' kampjuni għandu jammonta għal mill-inqas 25g u jistgħu jintużaw żewġ strateġiji biex jinġabru dawn ir-raggruppamenti tal-kampjuni tal-feċi.

(1) fejn hemm akkumulazzjoni ta' feċi mħallta fi ħdan żona ta' maqjel jew magħlaq, imselħa kbira (pereżempju 20ċm × 20ċm) tista' tintuża biex tgħaddi mill-massa tal-feċi, u tiżgura li mill-inqas 25g tal-materjal imħallat jinġabar. Dan jista' jinkiseb billi pereżempju, titmexxa l-imselħa tul mogħdija żigżag ta' 2 metri b'mod li tkun miksija sew bil-feċi. Jekk meħtieġ, pereżempju minħabba s-sħana jew fuq art miksija bil-lavanji, l-imselħa tista' tixxarrab kemm kemm b'likwidu xieraq bħal ilma tax-xorb.

(2) fejn m'hemmx akkumulazzjoni tali, pereżempju, f'għalqa, magħlaq kbir, f'dar tal-ħlas jew mqajjel jew akkomodazzjoni oħra b'numru żgħir ta' ħnieżer għal kull grupp, allura għandhom jintgħażlu ammonti żgħar individwali mill-massa ta' feċi friska individwali jew postijiet sabiex mill-inqas 10 individwi, jikkontribwixxu għal volum tal-kampjun totali ta' mill-inqas 25g. Is-siti minn fejn jinġabru dawn l-ammonti żgħar għandhom ikunu mxerrda b'mod rappreżentattiv maż-żona kkonċernata.

Strateġija 1 hija preferuta fejn tkun prattika. F'din l-istrateġija mill-inqas 10 ħnieżer individwali għandhom jikkontribwixxu għal kull kampjun meħud, inkella tiġi applikata l-istrateġija 2.

3.2. **Teħid ta' kampjuni supplimentari għall-istudju tal-prevalenza fi ħdan l-istabbiliment**

F'daqqa, 10 stabbilimenti, magħżula każwalment mill-kampjun globali ta' l-istabbilimenti għat-tgħammir u tal-produzzjoni huma suġġetti għal teħid ta' kampjuni aktar intensiv. F'dawn l-istabbilimenti se jinġabru 10 kampjuni regolari bl-istess mod kif deskritt hawn fuq (taqsima 2.1). Barra minn hekk, se jinġabru 10 kampjuni individwali ta' mill-inqas 30g f'kull maqjel magħżul u se jiġu identifikati b'tali mod li dawn l-10 kampjuni individwali jiġu assoċjati mal-kampjun regolari minn dak il-maqjel. B'hekk, b'kollox se jinġabru 10 kampjuni regolari u 100 (10 × 10) kampjun individwali minn kull wieħed minn dawn l-10 stabbilimenti. It-trattament ta' dawn il-kampjuni se jiġi deskritt fit-taqsima 4.3.1.

Dan it-teħid tal-kampjuni se jiġi applikat fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

3.3. **Tagħrif dwar il-kampjuni**

Kull tagħrif relevanti disponibbli mill-kampjun se jiġi rreġistrat fuq formola tat-teħid tal-kampjuni prodotta mill-awtorità kompetenti biex tippermetti li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tad-*data* fil-Parti 5.

Kull kampjun u l-formola tal-kampjun tiegħu se jkollhom tikketta b'numru waħdieni li se jintuża mit-teħid tal-kampjuni sa l-ittestjar, u bil-kodiċi tal-maqjel. L-awtorità kompetenti għandha tirranġa għall-ħarġa u l-użu ta' sistema ta' numru waħdieni.

3.4. **Trasport tal-kampjuni**

Preferibbilment, il-kampjuni għandhom jinżammu bejn + 2 sa + 8 °C u jkunu bla kontaminazzjoni esterna tul it-trasport. Il-kampjuni għandhom jintbagħtu lil-laboratorju malajr kemm jista' jkun fi żmien 36 siegħa b'posta mgħaġġla jew kurjer u għandha tasal fil-laboratorju mhux aktar tard minn 72 siegħa wara t-teħid tal-kampjun.

4. **METODI ANALITIĊI TAL-LABORATORJU**

4.1. **Laboratorji**

L-analiżi u s-serotipar se jsiru fil-Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali (NRL). Meta l-NRL m'għandux il-ħila jwettaq l-analiżi kollha jew jekk ma jkunx il-laboratorju li jwettaq id-detezzjoni regolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jaħtru numru limitat ta' laboratorji oħra involuti fil-kontroll uffiċjali tas-*Salmonella* biex iwettqu l-analiżi. Dawn il-laboratorji se jkollhom esperjenza approvata ta' l-użu tal-metodu ta' detezzjoni meħtieġ u jkollhom sistema ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità li tikkonforma ma' l-istandard ta' l-ISO 17025 u jitressqu għas-supervizjoni ta' l-NRL.

4.2. **Twassil tal-kampjuni**

Fil-laboratorju, il-kampjuni se jinżammu mkessħa sakemm isir l-eżami batterjoloġiku, li preferibbilment jitwettaq fi żmien 24 siegħa wara t-twassil iżda f'kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 96 siegħa wara li jinġabar il-kampjun.

4.3. **Analiżi tal-kampjun**

L-Istati Membri se jiggarantixxu li l-partijiet involuti ġew imħarrġa biżżejjed biex iwettqu l-analiżi.

4.3.1. *Tħejjija*

Fil-laboratorji, il-kampjuni tar-rutina se jitħalltu bir-reqqa u bis-sħiħ, qabel ma jinġabru l-25g għall-analiżi.

Għall-valutazzjoni tal-prevalenza fi ħdan l-istabbilimenti skond il-paragrafu 3.2, kull kampjun individwali miġbur (30g) jeħtieġ jinqasam f'żewġ partijiet. Parti waħda, li tiżen mill-inqas 25g se titħallat bir-reqqa u bis-sħiħ u mbagħad ikkolturati individwalment. It-tieni parti li tibqa' għandha tintuża biex tħejji artifiċjalment raggruppament ta' kampjuni mill-10 kampjuni individwali fil-maqjel, grupp jew magħlaq magħżul. Din il-parti ta' l-aħħar se titħejja biż-żieda ta' 2.5g għal għaxar darbiet tal-kampjuni individwali biex jinħoloq raggruppament ta' kampjuni artifiċjalment ta' 25g. Il-kampjuni magħquda artifiċjalment jitħalltu bir-reqqa u bis-sħiħ qabel l-analiżi. B'kollox, 10 kampjuni tar-rutina, 10 kampjuni magħquda artifiċjalment u 100 kampjun individwali se jiġu analizzati minn kull wieħed mill-10 stabbilimenti magħżula għall-istima tal-prevalenza fi ħdan l-istabbiliment.

4.3.2. *Metodu ta' detezzjoni u identifikazzjoni*

4.3.2.1. Detezzjoni tas-Salmonella

Se jintuża l-metodu rakkomandat mil-Laboratorju ta' Referenza Komunitarju (CRL) għas-*Salmonella* f'Bilthoven, fl-Olanda. Dan il-metodu hu deskritt fl-Anness D ta' l-ISO 6579: "Detezzjoni tas-*Salmonella* spp. fil-feċi ta' l-annimali u fil-kampjuni ta' l-ewwel stadju ta' produzzjoni". Se tintuża l-aħħar verżjoni ta' l-Anness D.

4.3.2.2. Serotipar tas-Salmonella

Kull varjazzjoni iżolata u kkonfermata bħala *Salmonella* spp. se tiġi serotipata skond l-iskema Kaufmann-White, mill-NRL għas-*Salmonella*.

Għall-assigurazzjoni tal-kwalità, 16-il varjazzjoni klassifikabbli u 16-il iżolat mhux klassifikabbli se jintbagħtu lis-CRL għas-*Salmonella*. Parti minn dawn l-iżolati se tintbagħat lis-CRL kull tliet xhur. Jekk ġew iżolati inqas varjazzjonijiet, jintbagħat kollox.

4.3.2.3. Il-klassifikazzjoni batterjofaga tas-Salmonella

F'każ li l-iżolati tas-*Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium għandom il-klassifikazzjoni batterjofaga (mhux obbligatorju), se jiġu użati l-metodi deskritti miċ-ċentru ta' referenza tad-WHO għall-klassifikazzjoni batterjofaga tas-*Salmonella* ta' l-Aġenzija għall-Protezzjoni tas-Saħħa (HPA) Colindale, Londra.

5. **RAPPORT MILL-ISTATI MEMBRI**

5.1. **Deskrizzjoni ġenerali ta' l-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ**

Rapport f'format testwali se jinkludi mill-inqas:

(a) Stat Membru

(b) Deskrizzjoni tal-popolazzjoni ta' l-istabbilimenti bi ħnieżer għat-tgħammir

(1) Stabbilimenti għat-tgħammir

(i) Numru totali ta' stabbilimenti għat-tgħammir

(ii) Numru totali ta' stabbilimenti nukleu

(iii) Numru totali ta' stabbilimenti multiplikaturi

(iv) għadd ta' stabbilimenti għat-tgħammir ippjanati li jitteħdilhom kampjun, u għadd ta' stabbilimenti għat-tgħammir li tabilħaqq itteħdilhom kampjun; għadd ta' stabbilimenti ppjanati li jitteħdilhom kampjun iżda dan ma ġarax u r-raġuni għal dan

(v) Kummenti fuq ir-rappreżentanza ġenerali tal-programm tat-teħid tal-kampjuni ta' l-istabbilimenti għat-tgħammir

(2) Stabbilimenti tal-produzzjoni

(i) Għadd totali ta' stabbilimenti nukleu

(ii) Għadd totali ta' stabbilimenti ta' boton qżieqeż sa ħnieżer li jinfatmu/ħnieżer li waslu għall-qatla

(iii) Għadd totali ta' stabbilimenti ta' boton qżieqeż sa ħnieżer li waslu għall-qatla li jiżnu aktar minn 70 kg

(iv) Għadd ta' stabbilimenti għat-tgħammir ippjanati li jitteħdilhom kampjun, u għadd ta' stabbilimenti għat-tgħammir li tabilħaqq itteħdilhom kampjun; għadd ta' stabbilimenti ppjanati li jitteħdilhom kampjun iżda dan ma ġarax u r-raġuni għal dan

(v) Kummenti possibbli fuq ir-rappreżentanza ġenerali tal-programm tat-teħid tal-kampjuni ta' l-istabbilimenti għat-tgħammir

(c) Għadd ta' kampjuni miksuba u analizzati:

(i) Mill-istabbilimenti għat-tgħammir

(ii) Mill-istabbilimenti tal-produzzjoni

(iii) Mill-istabbilimenti li tteħdilhom kampjun għall-istudju tal-prevalenza fi ħdan l-istabbiliment

(d) Ir-riżultati globali.

(i) Prevalenza ta' l-istabbilimenti għat-tgħammir u tal-produzzjoni infettati bis-*Salmonella* u serovars tas-*Salmonella*

(ii) Riżultat ta' l-istudju ta' prevalenza fi ħdan l-istabbiliment

(e) Lista ta' laboratorji responsabbli mill-istudju bażiku tas-*Salmonella*

(i) detezzjoni

(ii) serotipar

(iii) klassifikazzjoni batterjofaga (jekk imwettqa).

5.2. ***Data* sħiħa fuq kull stabbiliment u r-riżultati tat-testijiet korrispondenti:**

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ir-riżultati ta' l-investigazzjoni elettronikament fil-forma ta' *data* mhux ipproċessata bl-użu ta' dizzjunarju tad-*data* u formoli tal-ġbir tad-*data* pprovduti mill-Kummissjoni. Dan id-dizzjunarju u l-formoli se jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

5.2.1. *It-tagħrif li ġej se jinġabar fl-Istati Membri għal kull stabbiliment magħżul għat-teħid tal-kampjuni:*

(a) Kodiċi ta' l-istabbiliment

(b) Tip ta' produzzjoni ta' l-istabbiliment

(i) Ġewwa versus "kwalunkwe stadju tal-produzzjoni miżmuma barra"

(ii) Nukleu, multiplikatur, boton qżieqeż sa ħnieżer li jinfatmu, boton qżieqeż sa ħnieżer li waslu għall-qatla li jiżnu aktar minn 70 kg u boton qżieqeż sa ħnieżer li waslu għall-qatla

(c) Daqs ta' l-istabbiliment: l-għadd ta' ħnieżer għat-tgħammir preżenti fil-ħin tat-teħid tal-kampjuni (inventorju ta' l-adulti)

(d) Politika ta' sostituzzjoni: ħnieżer għat-tgħammir sostituti mixtrija kollha; ċerti ħnieżer għat-tgħammir sostituti mrobbija d-dar jew il-ħnieżer għat-tgħammir sostituti mrobbija d-dar kollha

(e) (Volontarjament:) Sintomi kliniċi tad-dijarea: Kien hemm sintomi ta' dijarea fit-3 xhur qabel it-teħid tal-kampjuni?

5.2.2. *It-tagħrif li ġej se jinġabar fl-Istati Membri għal kull kampjun mibgħut lil-laboratorju:*

(a) Kodiċi tal-kampjun

(b) Kodiċi tal-laboratorju involut fl-analiżi inizjali

(c) Data tal-ġabra tal-kampjuni

(d) Id-data meta bdew l-analiżijiet tal-laboratorju

(e) Detezzjoni tas-*Salmonella*: Riżultat kwalitattiv (pożittiv/negattiv)

(f) Serotipar tas-*Salmonella*: Serovar(s) misjub(a) (jista' jkun aktar minn wieħed)

(g) Età tal-ħnieżer: il-ħnieżer nisa żgħar kollha versus ħnieżer għat-tgħammir ta' età mħallta

(h) Sess: Ħnieżer nisa biss; Ħnieżer nisa u ħnieżer tar-refgħa jew ħnieżer tar-refgħa biss

(i) Stadju tal-produzzjoni: Tqala; Tgħammir, żmien tat-tqala (oħrajn?)

(j) Akkomodazzjoni: art miksija bil-lavanji (kompletament/parzjalment); art solida; saff fond ta' tiben jew oħrajn

(k) Dieta: Il-ħnieżer f'dan il-maqjel, magħlaq jew grupp huma magħlfa għalf kompost biss?

(l) Suppliment ta' l-għalf: hemm xi sustanza li tnaqqas is-*Salmonella* miżjuda lill-għalf (bħall-aċtu organiku, probijotiku)?

(m) Użu sistematiku ta' l-antibijotiċi: l-antibijotiċi għandhom jingħataw bi kwalunkwe mod lill-annimali kollha ta' dan il-grupp?

(n) L-aħħar data ta' amministrazzjoni ta' l-antimikrobiċi lill-annimali (tul dawn l-aħħar erba' ġimgħat)

5.2.3. *Dan it-tagħrif supplimentari li ġej se jinġabar fl-Istati Membri għal kull kampjun individwali mibgħut lil-laboratorju fi ħdan il-qafas tat-teħid tal-kampjuni għall-prevalenza fi ħdan l-istabbiliment*

(a) Kodiċi tal-kampjun miġbur

(b) Detezzjoni tas-*Salmonella* f'kull kampjun individwali: riżultat kwalitattiv (pożittiv/negattiv)

(c) Serotipar tas-*Salmonella* f'kull kampjun individwali: serovar(s) misjub(a) (jista' jkun aktar minn wieħed)

ANNESS II

Kontribut finanzjarju Komunitarju massimu lill-Istati Membri msemmi fl-Artikolu 5

Stat Membru	Ammont totali massimu għal kofinanzjament ta' l-analiżijiet (EUR)
Il-Belġju – BE	59 800
Il-Bulgarija – BG	52 260
Ir-Repubblika Ċeka – CZ	102 960
Id-Danimarka – DK	98 280
Il-Ġermanja – DE	57 980
L-Estonja – EE	9 360
L-Irlanda – IE	43 420
Il-Greċja – EL	39 260
Spanja – ES	82 680
Franza – FR	82 680
L-Italja – IT	79 300
Ċipru – CY	20 020
Il-Latvja – LV	3 380
Il-Litwanja – LT	13 780
Il-Lussemburgu – LU	11 960
L-Ungerija – HU	74 360
Malta – MT	0
L-Olanda – NL	87 100
L-Awstrija – AT	59 020
Il-Polonja – PL	85 020
Il-Portugall – PT	54 860
Ir-Rumanija – RO	107 900
Is-Slovenja – SI	81 120
Is-Slovakkja – SK	54 080
Il-Finlandja – FI	64 740
L-Iżvezja – SE	81 120
Ir-Renju Unit – UK	102 960
Total	1 609 400

ANNESS III

Rapport finanzjarju ċċertifikat dwar l-implimentazzjoni ta' l-istħarriġ bażiku fuq il-prevalenza tas- *Salmonella* spp. fil-merħliet tal-ħnieżer għat-tgħammir

Perjodu tar-rapport .... sa ....

Dikjarazzjoni fuq l-ispejjez imġarrba fl-istħarriġ u eliġibbli għall-kontribut finanzjarju Komunitarju:

Numru ta' referenza tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistipula l-kontribut finanzjarju Komunitarju: ....

....

Spejjeż imġarrba marbuta mal-funzjonijiet ta'	Għadd ta' testijiet	Spejjeż totali tat-testijiet li saru tul il-perjodu ta' rapport (munita nazzjonali)
Batterjoloġija għas-*Salmonella* spp.		
Serotipar ta' l-iżolati tas-*Salmonella*		

Dikjarazzjoni mill-benefiċċjarju

Niċċertifikaw li

— l-ispejjeż ta' hawn fuq huma ġenwini u ntefqu għat-twettiq tal-ħidmiet stipulati f'din id-Deċiżjoni u kienu essenzjali għat-twettiq kif suppost ta' dawn il-ħidmiet;

— id-dokumenti anċillari kollha li jsostnu dawn l-ispejjeż huma disponibbli għal skopijiet ta' verifika;

— L-ebda kontribut Komunitarju ieħor ma ntalab għal dan l-istħarriġ.

Data: ....

Persuna responsabbli għall-finanzi ....

Firma: ....